MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Numru. 396/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**MICHAEL CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Michael Camilleri, ta’ 27 sena, imwieled Pieta’, fit-30 ta’ April, 1983, residenti fil-fond numru 121, flat 1, Triq il-Vitorja, Qormi u detentur ta’ karta tal-identita’ bin-numru 282183M;

Talli:

F'Haz-Zabbar, fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' April 2010, ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond 'Razzett', sitwat fl-inhawi maghrufa ta' San Anard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u l-valur li jecceddi s-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Emanuel Buhagiar u/jew persuni ohra;

Ukoll talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza mghotija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

U finalment, talli kkommetta reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D. nhar is-7 ta' April, 2009.

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li hargu l-artikoli fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 17 ta' Frar 2011, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza, wara li rat il-fedina penali aggornata tal-imputat, u wara li semghet lill-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana jinforma lill-Qorti dwar l-andament tal-imputat f'dawn l-ahhar snin;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghalhekk tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza. Sabiex tigi kkalibrata l-piena idoneja, il-Qorti sejra tikkonsidra l-gravita' tar-reat, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat, u dan minhabba fl-addebitu tar-recidiva u fil-ksur ta' sentenza sospiza.

Ir-reat kien jikkonsisti f' serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi l-elfejn u tlitt mitt ewro, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa. Dan ir-reat wahdu jgib mieghu piena ta' mhux anqas minn tlittax-il xahar prigunerija, skond l-Artikolu 279(b), u m'ghandux jinghata fil-minimum, skond l-Artikolu 280(1) tal-Kap 9. Hekk kif inhu akkumpanjat bl-addebitu tar-recidiva, ir-reat jista' jgib mieghu piena mizjuda bi grad jew tnejn, ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9. B'hekk, il-piena minima issa toghla ghal tmintax-il xahar, jew addirittura ghal sentejn prigunerija. Inoltre, il-Qorti trid ukoll tikkonsidra l-ksur ta' sentenza sospiza, peress illi dan ir-reat gie kommess waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Madankollu, mil-provi prodotti rrisulta li l-valur tal-oggetti misruqa ma kienx jeccedi l-elfejn u tlitt mitt ewro, u allura l-piena ghandha tinsel mil-parametri msemmija hawn fuq. B'hekk, il-piena issa ghandha tigi ridotta ghal dik ta' sena prigunerija, mizjuda b'zewg gradi mil-minimum ta' hames xhur prigunerija.

Il-Qorti, izda, ghandha diffikulta' quddiemha dwar il-piena, u dan peress illi gie mhejji *pre sentencing report* mill-ufficjali tal-probation dwar l-andament tal-imputat f'dawn l-ahhar snin. Minghajr wisq dilungar fuq ir-rapport innifsu, dan hu wiehed ferm posittiv fil-konfront tal-imputat. Camilleri kien qed jigi segwit minn Ivan Sultana, u xehed quddiem din il-qorti li llum l-imputat irranga hafna fl-agir tieghu. Dan ir-reat kien gie kommess meta hu kien ghaddej minn perijodu ikrah f'hajtu, izda dan il-perijodu rnexxielu jeghlbu b'success ghalih u l-familjari tieghu.

Ghalhekk, il-Qorti ghandha dilemma dwar x’piena ghandha tinghata. Il-Qorti zzomm ferm quddiem ghajnejha l-htiega li l-piena tkun wahda li ssib bilanc bejn il-gustizzja riparatrici u dik retributtiva. Jidher li llum l-imputat sab ghinuna u gheleb id-diffikultajiet li kellu, u allura piena ta’ prigunerija taf tkun iebsa wisq fil-konfront tieghu.

Ghalhekk il-Qorti sejra taghmel eccezzjoni f’dan il-kaz u ma taghtix piena ta’ prigunerija effettiva. Minnflok, sejra taghti sanzjoni fil-komunita’ ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446, kif ukoll sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ksur tas-sentenza sospiza datata 7 ta’ April, 2009, biex ghalhekk din is-sentenza ghadha fis-sehh.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Illi wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f)(g), 263, 264, 267, 269, 270, 271, 279, 280, 281, 49,50, 289, 18, 28A, 28B, 28C, 28D, 28E, 28F, 28G, 28H, 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U wara li semghet l-ammissjoni tal-istess imputat, li giet minnhu kkonfermata;

Din il-Qorti m’ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imsemmi imputat Michael Camilleri, hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre, din il-Qorti, tastjeni milli tiehu provvediment fuq is-sentenza tas-7 ta’ April 2009, skont l-Artikolu 28 B (2) (a) tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------